MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1902/2004

**SMS Insurance Agency ghan-nom tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet ta Maria Marshall u l-istess Maria Marshall**

**vs**

**Elizabeth Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta Ottubru 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta tliet mija sitta u hamsin lira sittax il-centezmu (Lm356.16) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur fl-incident stradali bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta numru CAL 418 u dik proprjeta tal-attrici numru EBF 075 misjuqa minn binha Marcus Marshall ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legal Dok A, ta l-ittra ufficcjali datata 13 ta Novembru 2003 Dok B u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz Dok C u bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta Novembru 2003 sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-1 ta' Novembru 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li tallega li ma kellu ebda htija ghall-incident stradali in kwistjoni.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti nkluz dawk konnessi mal-prova tal-valur tad-danni.

Ikkunsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta dina l-kawza tikkoncerna zewg vetturi li kienu qed jinstaqu fl-istess direzzjoni fejn ic-cimiterju ta H'Attard fid-direzzjoni lejn ir-Rabat. Skond il-formola mimlija mis-sewwieqa a fol 19 tal-process bin l-attrici jghid li l-konvenuta habtet go fih fuq wara waqt li kien wieqaf filwaqt li l-konvenuta tghid li s-sur Marshall dahal go fiha meta pprova jissorpassa xarabank li kienet wieqfa. Skond id-danni subiti u r-ritratti esebiti l-vettura tal-attrici garbet hsarat fuq il-bumper ta wara in-naha tal-lemin a fol 21 sa 23 tal-process filwaqt li dawk tal-konvenuta gew sofferti fuq quddiem in-naha tax-xellug u l-mudguard xellugi wkoll a fol 26 u 27 tal-process.

Fix-xhieda tieghu s-sewwieq tal-vettura tal-attrici ma tantx kien car u skjett dwar kif sehh l-incident in kwistjoni. Kien hemm hafna fatturi li baqa ma jiftakarhomx. Jifatakar li kien ghaddej fuq in-naha ta barra ta zewg karreggjati u li qabez zewg vetturi pero ma jiftakarx l-ispeed li bih hu kien ghaddej. JIftakar li waqaf fuq il-lights ta fejn ic-cimiterju fejn hemmhekk it-trieq tigi karreggjata wahda. Jiftakar li huwa ma kienx l-ewwel vettura fuq il-lights pero ma jiftakarx kemm kien hemm karozzi qabblu. Huwa jghid li d-daqqa fuq il-vettura tieghu hassha (cioe sehhet il-kollizjoni mal-konvenuta) proprja f'dan il-mument meta kien wieqaf fuq il-lights ghal xi sekondi wara zewg vetturi li kienu quddiemu.

In kontro-ezami s-sur Marshall ma jeskludix il-fatt li l-konvenuta setghet kienet quddiemu f’xi hin u hu kien ssorpassha. Ma jiftakarx jekk wahda mill-vetturi li kienu quddiemu jistennew fuq il-lights kienitx xarabank jew le. Jichad li ghamel xi manuvra biex jaqbez xi vetturi kif qalbu l-lights.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li f’mument minnhom hija waqfet peress li kien hemm xarabank wieqfa fuq il-bus stop quddiemha. (vide ritratti minnha esebiti). F’hin minnhom giet vettura minn warajha li ghamlet manuvra ta sorpass minn naha ta gewwa taghha cioe mix-xellug taghha f’liema manuvra din il-vettura spiccat biex tkaxkret mal-karozza tal-konvenuta mal-gemb tan-naha tax-xellug u kkawzalha l-hsarat kif indikati fir-ritratti Dok EP 5 sa EP7 u liema vettura spiccat li waqfet hekk kif sabet ix-xarabank quddiemha. Il-konvenuta tghid li bejnha u x-xarabank ma kienx hemm vetturi ohra u stante li hija kienet qed issuq ma gemb il-linja tan-nofs tat-trieq ta karreggjata wahda kien ghalhekk li s-sur Marshall ittenta li jaghmel dik il-manuvra ta sorpass. Din ix-xhieda tal-konvenuta giet korroborata mija fil-mija permezz tax-xhieda ta bintha Roberta May Oudi li kienet riekba passiggiera ma ommha.

Illi tenut kont tal-verzjonijiet kontrastanti taz-zewg sewwieqa It-Tribunal kellu jevalwa fatturi ohra sabiex jasal ghal konkluzjoni dwar liema verzjoni hija l-aktar verosimili. Ghalkemm jinghad li s-sur Marshall ma tantx deher cert minnu nnifsu fuq il-pedana tax-xhieda u kien hemm diversi dettalji li ma ftakarx pero fl-istess hin meta wiehed jezamina s-sewwa l-hsarat li garbu z-zewg vetturi, huwa difficli ferm li dawn iwassluk ghal konvincement li l-incident sehh kif deskritt mill-konvenuta u bintha. Jidher car li d-daqqa fuq il-vettura ta Marshall hija fuq in-naha ta wara u la hemm indikazzjoni u prova ta xi zbrixxjatura fuq il-gemb taghha la mir-ritratti u anqas mit-tiswija tal-hsarat. Minn-naha l-ohra jidher daqstant car ukoll li l-hsarat fuq il-vettura tal-konvenuta jinsabu fuq in-naha ta quddiem partikolarment fuq mudguard tax-xellug u bl-impatt ingarbu hsarat ukoll fuq gewwa fejn il-makna (Dok MA9, MA10 EP5, EP6 u EP7). Ebda ritratt jew prova ohra ma jindikaw xi zbrixxjatura fuq il-gemb tal-konvenuta. Apparti

dan kollu jidher evidenti li l-hsarat li garbu z-zewg vetturi kienu kagunati minn impatt vera u proprju bejniethom u mhux per konsegwenza ta zbrixxjatura.

Il-valur tad-danni subiti jinsabu soddisfacentement ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti oltre ghall-fatt li ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni partikolari dwar l-istess.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad l-eccezzjoni minnha sollevata, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta tliet mija sitta u hamsin lira sittax il-centezmu (Lm356.16) bl-imghax legali dekorribbli minn-notifika ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------